MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 597/2004

**Saviour u Catherine konjugi Gauci**

**vs**

**Mario Cardona**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Novembru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jizgombra mir-razzett u r-raba' tieghu sitwat f'numru 21A, fi Sqaq it-Tigieg, illum numru 21A Sqaq Numru 2, Triq San Giljan, f'Birkirkara, li qed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi, propjeta' tal-atturi;

2. Illi ghall-fini ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond u raba de quo ma jeccedix il-mitt Lira Maltin, (LM100.00,0);
3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarji tal-25 ta’ Aawissu tas-sena 2004 u tat-13 ta’ Settembru tas-sena 2004 kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-11 ta’ Marzu tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi huwa jokkupa l-fond b’titolu ta’ kera wara l-mewt ta’ huh guvni Emanuel Cardona fis-sena 2003;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-fond meritu tal-procedura odjerna hu proprjeta’ ta’ l-atturi;
2. Illi originarjament l-imsemmi fond kien jinkera minn nannu tal-konvenut;
3. Illi wara l-kera ghaddiet f’idejn missier u omm il-konvenut u sussegwentement f’idejn Emanuel Cardona, hu l-konvenut;
4. Illi meta miet dan l-ahhar inkwilin jirrizulta li fil-mument tal-mewt tieghu kien jghix mieghu il-konvneut, (ara fol 17 u l-verbal konguntiv a fol 14);

5. Illi dan il-fatt jirrizulta wkoll suffragat mid-dokumentazzjoni riprodotta mir-Registru Elettorali; (ara fol 55 et sequitur);

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-fatt li l-istess konvenut kien jirrisjedi ma' l-ahhar inkwilini debitament rikonoxxut bhala tali fil-fond de quo, dan jimmilita favur it-tezi tal-konvenut li allura konsegwenza ta' l-istess, jinkwadra fil-limiti ta' definizzjoni ta' *inkwilin* skond il-ligi;

Illi addirittura jirrizulta li kien l-istess attur li gholla l-kera dovuta fuq l-imsemmi fond lill-istess konvenut meta dan mar biex ihallas il-kera minnu dovuta;

Illi l-ammont hekk mitlub kien " … jinkludi kollox", cioe' kemm ir-razzett kif ukoll ir-raba' ta' mieghu;

Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenut Mario Cardona hu inkwilin ta' l-fond de quo flimkien mar-raba' adjacenti u konsegwentement, in vista tar-rizultanzi, filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, takkolji l-eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjez kontra l-atturi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------